**MINUTI**

**Laqgħa b’Urġenza tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 57**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 22 ta’ Frar 2024 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku
Frederick Aquilina – Kunsillier
Eric Camilleri – Kunsillier
Lucia Massa – Kunsillier
Maria Magri – Kunsillier
Andrew Cassar – Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**
Kearon Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku John Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**57.1** Riżenja tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku John Schembri ppreżenta r-riżenja tas-Sjra Karen Camilleri minn Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku nfurma li s-Sjra Camilleri ġiet appuntata f'kariga maċ-Ċivil u għaldaqstant mhux possibli tibqa' taġixxi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku John Schembri rringrazzja lis-Sjra Camilleri għas-servizz li tat lill-Kunsill matul dawn is-sentejn u nofs.

**57.2** Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku John Schembri nfurma li sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv, qed jipproponi lil Ms Bernice Darmanin, uffiċjal fi Skala 10 fi ħdan il-Kunsill Lokali Ħal Qormi, sabiex taġixxi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku John Schembri nfurma li Ms Darmanin għandha esperjenza vasta fil-ħidma tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant tista' timla din il-vakanza temporanja.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu din il-ħatra.

**57.3** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 12 ta' Marzu 2024.

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |